

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-11 ta' Ġunju 2012

li tawtorizza laboratorji fil-Kroazja u fil-Messiku biex jagħmlu testijiet seroloġiċi biex tiġi ssorveljata l-effettività tat-tilqim tal-idrofobija

(notifikata bid-dokument numru C(2012) 3761)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2012/304/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/258/KE tal-20 ta' Marzu 2000 li taħtar istituzzjoni speċifika sabiex tkun responsabbli biex tistabbilixxi l-kriterji neċessarji għall-istandardizzazzjoni ta' testijiet seroloġiċi biex issegwi l-effettività tat-tilqim kontra l-idrofobija <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni 2000/258/KE taħtar l-Agence nationale de sécurité sanitaire de l'alimentation, de l'environnement et du travail (ANSES) f'Nancy, Franza (preċedentement magħrufa bħala l-Agence française de sécurité sanitaire des aliments, l-AFSSA), bħala l-istituzzjoni speċifika responsabbli biex tistabbilixxi l-kriterji meħtieġa għall-istandardizzazzjoni tat-testijiet seroloġiċi li jissorveljaw l-effettività tat-tilqim tal-idrofobija.
- (2) Dik id-Deċiżjoni tipprovdi wkoll li l-ANSES għandha tiddokumenta l-evalwazzjoni tal-laboratorji f'pajjiżi terzi li jkunu applikaw biex jagħmlu testijiet seroloġiċi biex jissorveljaw l-effettività tat-tilqim tal-idrofobija.
- (3) L-awtorità kompetenti tal-Kroazja ressqet applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-laboratorju għall-idrofobija u l-viroloġija ġenerali tal-Istitut Veterinarju f'dak il-pajjiż terz biex jagħmlu dawn it-testijiet seroloġiċi. Dik l-applikazzjoni hija appoġġata minn rapport favorevoli mill-ANSES dwar l-evalwazzjoni ta' dak il-laboratorju, datat l-20 ta' Settembru 2011.
- (4) L-awtorità kompetenti tal-Messiku ressqet applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-laboratorju fis-Centro Nacional de Servicios de Diagnóstico en Salud Animal f'dak il-pajjiż terz biex jagħmlu dawn it-testijiet seroloġiċi. Dik l-applikazzjoni hija appoġġata minn rapport favorevoli mill-ANSES dwar l-evalwazzjoni ta' dak il-laboratorju, datat l-20 ta' Settembru 2011.

(5) Għaldaqstant, dawk il-laboratorji għandhom ikunu awtorizzati biex jagħmlu testijiet seroloġiċi biex jissorveljaw l-effettività tat-tilqim tal-idrofobija fil-klieb, il-qtates u l-inmsa.

(6) Il-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

B'konformità mal-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni 2000/258/KE, il-laboratorji li ġejjin huma awtorizzati biex jagħmlu t-testijiet seroloġiċi biex jissorveljaw l-effettività tat-tilqim tal-idrofobija fil-klieb, il-qtates u l-inmsa:

- (a) L-Istitut Veterinarju Kroat  
Il-laboratorju għall-idrofobija u l-viroloġija ġenerali  
Savska cesta 143  
Żagreb 10000  
IL-KROAZJA;
- (b) Is-Centro Nacional de Servicios de Diagnóstico en Salud Animal  
Km. 37.5 Carretera Federal México — Pachuca  
55740 Tecamac  
IL-MESSIKU.

## Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2012.

## Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Ġunju 2012.

Għall-Kummissjoni

John DALLI

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 79, 30.3.2000, p. 40.